## 7 ta' Mejju, 1955

**Imħallef:**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Emmanuele Falzon *versus* Avukat Dr. Joseph A. Micallef et. ne.

### Bejgħ — Riżoluzzjoni — "Jus Retentionis" — Art. 587 u 561 tal-Kodiċi Ċivili

*Ir-riżoluzzjoni ta' bejgħ iġġib magħha li l-kontraenti għandhom jiġu mqegħeda fil-pożizzjoni anterjuri għall-kuntratt, u għandhom jirrestitwixxu lil xulxin dak kollu li jkunu rċevew bis-saħħa u in konsegwenza tal-bejgħ. Dik ir-riżoluzzjoni għandha effett retroattiv, u kull parti għandha tiġi restitwita "in pristinum".*

*Dan ir-rifless huwa neċessarjament applikabbli anki għall-venditur; u għalhekk ix-xerrej għandu jirrestitwixxi lill-venditur il-ħaġa li jkun xtara minn għandu.*

*Jekk l-oġġett tal-vendita (fil-każ kien jittratta minn karrozza li l-bejgħ tagħha ġie riżolut għax ix-xerrej ma kompliex iħallas il-prezz tagħha skond il-ftehim) ikun ġie mix-xerrej konsenjat lil terza persuna biex tagħmel fih xi tiswijiet, dik it-terza persuna ma tistax tinvoka l-"Jus Retentionis", u tirrifjuta li tirrestitwixxi lill-venditur dak l-oġġett qabel ma tkun tħallset tal-ispejjeż*

*ta' dawk it-tiswijiet u tal-ispejjeż li tkun għamlet biex tikkanonizza l-kreditu tagħha għal dawk it-tiswijiet. Għax il-"jus retentionis" jippresupponi pussess veru u proprju fis-sens legali, jiġifieri l-pussess ta' min ikun iżomm il-ħaġa bħala tiegħu nnifsu, u mhux f'isem min taħielu u bil-fehma li jroddha lil min taħielu. Il-ġurisprudenza l-aktar reċenti tal-Qrati Tagħna tapplika dan id-dritt ta' ritenzjoni għall-każ biss ta' pussess fis-sens legali.*

*Barra minn dan, il-"Jus Retentionis" jopera biss fir-relazzjoni bejn il-kreditur u d-debitur, u mhux fil-konfront tal-terzi.*

Il-Qorti; — Rat is-sentenza tagħha tat-23 ta' Mejju 1953, fejn jinsabu miġjuba d-domanda tal-attur u l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti nomine, u ta' Joseph Mizzi proprio et nomine ammess "in statu et terminis", u li biha ġiet respinta l-eċċezzjoni tal-irritwalità opposta mill-konvenuti u mill-imsemmi Mizzi; bl-ispejjeż mingħajr taxxa;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, rigward l-ewwel domanda, kif ġie osservat fl-imsemmija deċiżjoni, il-kontendenti jaqblu, sija pure għal motivi differenti, illi l-bejgħ għandu jiġi riżolut. Difatti, fil-kawża l-oħra, ix-xerrej Whittle talab ir-riżoluzzjoni tal-bejgħ; barra minn dan, ġie ammess u pruvat illi l-imsemmi Whittle ma kompliex iħallas il-prezz tal-karrozza skond l-akkordju, u għalhekk huwa inadempjenti. Xejn ma jiswa li x-xerrej kellu xi kwistjonijiet mal-attur; għaliex kien imissu jiddepożita l-pagamenti dovuti, u b'hekk jikkawtela d-drittijiet tiegħu — ħaġa li ma għamelx, u b'hekk jinsab legalment inadempjenti;

Illi r-riżoluzzjoni tal-bejgħ iġġib magħha li l-kontraenti għandhom jiġu mqegħda fil-pożizzjoni anterjuri għall-kuntratt, u jirrestitwixxu lill-xulxin dak kollu li jkunu rċevew bis-saħħa u in konsegwenza tal-bejgħ. Ir-riżoluzzjoni għandha effett retroattiv, u, kif jinnota Giorgi, "la sentenza che dichiara risoluto il contratto riconosce uno stato giuridico pre-esistente, e cancellando tutte le conseguenze del contratto opera 'ex tunc', non già 'ex nunc', l-annichilimento del contratto medisimo" (Obbligazioni Vo. IV,§218). Għalhekk kull parti għandha tkun restitwita "in pristinum"; għaliex, kif josserva Luigi Mosco fil-Monografija tiegħu

"la Risoluzione del Contratto per Inadempimento" (paġ. 275), "il permanere delle prestazioni nel patrimonio degli accipienti risulta sfornito di causa". U dana r-rifless huwa neċessarjament applikabbli anki għall-venditur, f'każ ta' bejgħ; għaliex anzi, kif jinnota Pacifici Mazzoni, "il venditore è primieramente tenuto a restituire la parte di prezzo che avesse ricevuto, e che dopo la risoluzione non avrebbe più titolo per ritenere" (Vendita, Vol. II, § 31);

*Illi minn dan tinżel* il-konsegwenza illi l-attur huwa ntitolat għar-restituzzjoni tal-karrozza mibjugħa lil Whittle. Iżda l-imsemmi Mizzi jopponi ruħu għal dina r-restituzzjoni (1) qabel ma l-attur iħallaslu £61. 19. 4d., spejjeż li hu għamel fl-istess karrozza, flimkien ma spejjeż ġudizzjarji kanonizzati mill-Qorti tal-Kummerċ tar-Reġina b'sentenza tas-17 ta' Ġunju 1952, (2) u qabel ma l-attur jirrifondi lil Whittle l-akkonti tal-prezz imħallsin;

Illi, kwantu għall-"Jus Retentionis" oppost mill-imsemmi Mizzi, dan hu motivat mill-fatt li l-karrozza ġiet lilu kunsinnata minn Whittle biex jagħmel fiha xi xogħlijiet rikjesti, u li dina l-karrozza baqgħet fil-pussess ta' Mizzi anki wara l-kanonizzazzjoni tal-kreditu tiegħu, u preċiżament sas-6 ta' Novembru 1953 (ara verbal fol. 32), meta ġiet kunsinnata lill-attur mingħajr preġudizzju ta' drittijiet u b'garanzija formali. Evidentement dina l-pretensjoni hija bażata fuq l-art. 587 tal-Kodiċi Ċivili, li jippresupponi possessur veru u proprju skond id-definizzjoni tal-art. 561 (Kod. ċit.), jiġifieri ta' min iżomm il-ħaġa bħala tiegħu nnifsu — ħaġa din li ma tirrikorrix, għaliex l-imsemmi Mizzi kellu f'idejh il-karrozza unikament biex fiha jagħmel ix-xogħlijiet meħtieġa, u kien qiegħed iżommha dejjem f'isem Whittle li kien tahielu, żgur bil-fehma li jroddielu malli tkun lesta. Għalhekk jonqos fl-eċċipjent ir-rekwiżit tal-pussess rikjest mill-liġi;

Illi l-imsemmi *Mizzi*, *fin-nota* elaborata tiegħu (fol. 38), ifittex li *isostni li l-"Jus Retentionis" ġie mid-dottrina* u *mill-ġurisprudenza* estiż u applikat anki f'każi oħra mhux kontemplati fil-liġi. Iżda l-ġurisprudenza l-aktar reċenti tal-Qrati Tagħna tiffavorixxi s-sistema restrittiv, u tapplikah għall-każ ta' pussess biss fis-sens legali;

Għalhekk ġie negat lill-kerrej il-"jus retentionis" imħabba l-ispejjeż li jagħmel fil-fond lilu mikri, peress li hu jkun qiegħed jiddetjenieħ f'isem ħaddieħor u b'titolu prekarju (Kollezzjoni XVII-I-12; XX-I-96; XXIV-II-82; u XXXII-I-670);

Illi, barra minn dan, il-"jus retentionis" jopera fir-relazzjonijiet biss tal-kreditur mad-debitur, u mhux fil-konfront tat-terzi, bħal ma hu l-attur (Kollez. XVII-III-88);

Illi, konsegwentement, il-"jus retentionis" pretiż mill-imse nmi Mizzi mhux sostenibbli;

*Omissis;*

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' t-tieni talba, fis-sens li tiddikjara li, in vista li l-karrozza tinsab fil-poter tiegħu, ma hemmx lok għal ebda prefissjoni ta' terminu għar-restituzzjoni;

Tilqa' t-tieni talba, fis-sens li tiddikjara li, in vista li l-bejgħ jinsab riżolut, l-attur u l-konvenut għandhom jiġu ripristinati fl-istat anterjuri għall-bejgħ, b'dan illi l-likwidazzjoni tar-rapporti reċiproċi għandha ssir f'kawża separata;

L-ispejjeż, barra dawk ġa deċiżi, in vista tad-delikatezza u importanza tal-kwistjonijiet involuti, jibqgħu mingħajr taxxa; imma d-dritt tar-Reġistru jħallsuħ il-konvenuti nomine.